**FIL-QORTI TAL-MINORENNI**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond.), LL.D.**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Clayton Camilleri)**

**vs**

**OMISSIS**

**Referenza: 347/2024 AC**

**Nru. Tal-NPS: Bk 23-2767**

**Illum it-12 ta' Ġunju, 2025**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **OMISSIS**, ta' 17-il sena, bint **OMISSIS** u **OMISSIS**, imwielda l-Pieta' fis-26 ta' Marzu 2006 u toqgħod **OMISSIS**, detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-numru **OMISSIS**, li kienet akkużata talli nhar l-14 ta' Settembru 2023 għall-ħabta tas-18:30hrs, ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin:

1. Permezz ta' xi *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, heddidt li tagħmel xi reat jew bil-ħsieb li tieħu xi flus jew xi ħaġa oħra jew biex tagħmel xi gwadann, jew bil-ħsieb li ġġiegħel lil **Kimberly Vassallo** tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa, jew heddidt li takkuża jew li tagħmel ilment kontra tagħha, jew biex immalafamajt lilha, jew xi persuni oħra jew għamilt użu ieħor mhux xieraq bih;

2. Għamilt inġurji jew theddid mhux imsemmijin band' oħra fil-Kodiċi Kriminali jew, jekk kont ipprovokat , inġurjajt b'mod li ħriġt barra mil-limiti tal-provokazzjoni fil-konfront ta' **Kimberly Vassallo**;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurta' ta' **Kimberly Vassallo** skont it-termini tal-Artikolu 382A, 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija toħroġ Ordni ta' Protezzjoni sabiex tipprovdi għas-sigurta' tal-offiża jew individwi oħra skont it-termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti fl-atti, senjatament is-segwenti:

1. **Affidavit ta' PC 1088 J. Bouzguenda**[1] li jiddikjara bil-ġurament illi nhar il-15 ta' Settembru 2023 kien xogħol matul il-ġurnata mis-06:00hrs sas-18:00hrs bħala *telephone orderly* fl-Għassa ta' Birkirkara meta għall-ħabta ta' 11:45hrs irrappurtaw l-Għassa ċertu Jessica Muscat u OMISSIS flimkien m'ommha OMISSIS sabiex jagħmlu rapport ta' insulti u theddid. Ix-xhud jispjega li Jessica Muscat stqarret illi l-ġurnata ta' qabel, l-14 ta' Settembru 2023 fis-18:30hrs Kimberly Vassallo ċemplet lil OMISSIS u bdiet tgħidilha li "***fejn ħa tara lili u l-OMISSIS ħa tiqana bil-karozza***"[2] minħabba li kienu qed jagħmlu l-permess biex tieħu t-tifla tara lil missierha l-Ħabs, u bdiet tgħajjat u thedded, u Jessica bdiet tisma' kollox peress li t-telefonata kienet fuq *speaker*. Jessica qalet ukoll li ħadet

[1] Ara a fol 4 *et seq* tal-proċess
[2] Ara a fol 4 tal-proċess

it-*telephone* u staqsietha x'kienet qed tgħid qed fuq it-tifla tagħha, u qaltilha li qed tagħmel l-arja għax kienet bil-*bail,* u Kimberly bdiet tgħid li kienet ser tirrovinalha l-*bail*. Jessica stqarret ukoll li mbagħad Kimberly qatgħet reġgħet ċemplet lil OMISSIS bi *private number* u kompliet tgħajjar u thedded. Ix-xhud ikompli jiddikjara li ftit minuti wara OMISSIS tat il-verżjoni tagħha fil-preżenza t'ommha u stqarret l-ġurnata ta' qabel l-14 ta' Settembru 2023 fis-18:30hrs "***ċemplitli bin-numru 77016288, u malli qbadt it-telephone qaltli 'naf li inti* OMISSIS*, fejna dik il-qaħba Jessica?'***[3] u tgħid li "***bdiet sejra 'nifqakom bil-karozza, naqbad intikom naf li qedin bil-bail'***"[4], u OMISSIS staqsietha minn fejn ġabet in-numru tagħha u weġibtha "***'x'tindaħal u li naf li toqod fi Triq Francesco Buhagiar, Birkirkara'***", u OMISSIS kompliet tistqarr li Jessica ħaditilha l-*mobile* u qaltilha kif spjegat fil-verżjoni tagħha, u mbagħad reġgħet bdiet tkellem lil OMISSIS u qaltilha "***'niġi nifqalek il-bieb tad-dar u naħraqkom għax jien għalabieb żobbi minkom'***"[5] u stqarret li mbagħad inbidel il-leħen u bdiet tkellimha persuna oħra li qaltilha "***'naf min inti u fejn narak tgħidx kemm ħa ntikom'***"[6] u "***'inżlu Raħal Ġdid kemm ħa ntikom'***"[7] u OMISSIS stqarret li dak il-ħin qabdet u qatgħet u ftit wara ċemplet bi *private number* u reġgħet bdiet tgħid l-istess diskors biex jinżlu Raħal Ġdid ħalli ttihom xebgħa, u OMISSIS qaltilha li sejra l-Għassa tagħmel rapport u weġbitha bil-kliem "***'qabel tmur noqtlok u mhux ħa nibża' minnek'***"[8], u wara dan reġgħet bdiet iċċempel u bblockjatha. Ix-xhud jiddikjara li meta kienu mistoqsija minn fejn jafu lil Kimberly, Jessica stqarret li kienet għamlet żmien tgħix magħha pero' ma kienux ħbieb kbar, u min-naħa tagħha OMISSIS stqarret li ma tafhiex iżda darba kienet ratha ma' missier it-tifla ta' Jessica, u jkompli jispjega li nhar id-19 ta' Settembru 2023 Kimberly kienet informata li kien sar ir-rapport fil-konfront tagħha u ingħatalha d-dritt għall-Assistenza Legali u tas-silenzju, l-istess Kimberly irrinunzjat għal dan id-dritt u iffirmat dikjarazzjoni f'dan is-sens. Ix-xhud jiddikjara li meta Kimberly kienet mistoqsija jekk hux vera li nhar l-14 ta' Settembru

[3] Ara a fol 4 tal-proċess
[4] Ara a fol 4 tal-proċess
[5] Ara a fol 4 tal-proċess
[6] Ara a fol 4 tal-proċess
[7] Ara a fol 4 tal-proċess
[8] Ara a fol 5 tal-proċess

2023 kienet ċemplet lil OMISSIS, wieġbet li kienet ċemplitilha u qaltilha biex tgħid lil Jessica biex ma toqgħodx tgħid li hi kienet il-Ħabs, u huma qabduha fuq l-għarus tagħha, u hi qatgħatilhom. Sussegwementement għal dan Kimberly tgħid li huma ċemplulha u t-telefonata damet xi nofsiegħa, u meta kienet mistoqsija jekk kienitx qaltilhom li kienet ser ittajjarhom bil-karozza jew xi diskors simili, Kimberly innegat li għamlet dan, u qalet li kull ma qaltilhom huwa "***jekk narakom mhux lilek biss irid it-tnejn 'l intom inkaxkarkom***"[9]. Mistoqsija jekk kellhiex xi ħaġa xi żżid, Kimberly stqarret li waqt it-tieni telefonata OMISSIS bdiet tgħajjarha "***Qaħba***"[10], li marru magħha tliet Sirjani u offendietha b'uliedha u li missierha telaqhom, u stqarret li din l-istorja kienet ilha għaddejja għaliex Kimberly kienet qiegħda f'relazzjoni mal-eks-sieħeb ta' Jessica u tgħid li hemm *recordings* ta' tgħajjir u theddid minn Jessica, li skont Kimberly suppost qiegħda tirrisjedi s-Siġġiewi iżda tgħix Birkirkara, u stqarret ukoll li għandha żewġ xhieda rigward inċident li seħħ fis-16 ta' Settembru 2023 f'00:00hrs, u li "***din***"[11] qiegħda bil-*bail* "***u suppost tkun ġewwa***"[12], u allegat li ltaqgħet ma ħu Kimberly Owen Vassallo u għajritu "***Pufta***"[13], u qalet li kienet f'*video call* ma' ħuha u ratha hemmhekk ukoll permezz tal-*video call*;

2. Digriet ta' din il-Qorti datat it-22 t'Awwissu 2024 li permezz tiegħu akkordat it-talba għall-ħelsien mill-arrest tal-imputata[14];

3. Nota ta' OMISSIS datata s-27 t'Awwissu 2024 li permezz tagħha esebiet prova t'appuntament ma' Dr. Claire Axiak[15], kif ukoll prova li rreġistrat mal-*JobsPlus* sabiex tfittex xogħol[16][17];

---

[9] Ara a fol 6 tal-proċess
[10] Ara a fol 10 tal-proċess
[11] Ara a fol 10 tal-proċess – preżumibbilment b'referenza għal Jessica
[12] Ara a fol 10 tal-proċess
[13] Ara a fol 10 tal-proċess
[14] Ara a fol 72 *et seq* tal-proċess
[15] Ara Dok A fl-istess nota a fol 82 tal-proċess
[16] Ara Dok B fl-istess nota a fol 83 tal-proċess
[17] Ara a fol 81 tal-proċess

4. Dikjarazzjoni ta' Kimberley Vassallo li permezz tagħha talbet sabiex ma jittieħdu passi kriminali fil-konfront tal-imputata fir-rigward tar-Rapport tal-NPS bir-referenza 9/POL/6469/2023 li sar fil-15 ta' Settembru 2023[18];

Semgħet ix-xhieda li bil-ġurament tagħhom jiddikjaraw is-segwenti:

**Omm l-imputata OMISSIS** tixhed fis-seduta tat-22 t'Awwissu 2024[19] *ai fini* tat-talba tal-imputata għall-Ħelsien mill-Arrest;

**Il-*Probation Officer* Svetlana Bezzina Giannoukolos** tixhed fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2024[20], li minn mindu ingħatat il-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest l-imputata attendiet tliet appuntamenti konsekuttivi ġewwa d-Dipartiment tal-*Probation* u l-*Parole*, u ċioe' fit-30 t'Awwissu, fl-10 ta' Settembru u fit-23 ta' Settembru, u naqset milli tattendi għal appuntament wieħed biss li kien skedat għall-ġurnata ta' qabel ix-xhieda tagħha;

Tispjega li meta reġgħet bdiet issegwiha wara li ngħatat il-ħelsien mill-arrest, għall-bidu l-imputata kienet tgħid lix-xhud li kellha relazzjoni tajba m'ommha u ma kienx qed ikun hemm inċidenti fid-dar tagħha. Ix-xhud tgħid li kienet staqsiet lill-imputata jekk il-ġuvni li kienu tkellmu fuqu l-Qorti li kien hemm diversi episodji ta' diżgwit dwaru bejnha u ommha kienx għadu jirrisjedi magħhom, inizjalment sostniet max-xhud li ma kienx, iżda meta tkellmet magħha fit-23 ta' Settembru, l-imputata qalet li fil-verita' l-istess ġuvni kien qiegħed jgħix fir-residenza tal-omm, u qalet ukoll li ma kienitx qed tħossha komda tgħix m'ommha, u semmiet max-xhud li kien qed ikun hemm argumenti minħabba li kien qed ikollha torqod fl-istess sodda u fl-istess kamra ma' dan il-ġuvni;

Ix-xhud tkompli tispjega li l-imputata sostniet magħha li hi ma rieditx tkun f'relazzjoni ma' dan il-ġuvni u kienet bdiet relazzjoni oħra, u għalhekk ma xtaqitx li tibqa' tgħix id-dar u bdiet issemmi max-xhud li riedet tgħix ma' missierha. L-imputata spjegat max-xhud li r-

[18] Ara a fol 96 tal-proċess
[19] Ara x-xhieda tagħha fl-istess seduta a fol 28 *et seq* tal-proċess
[20] Ara a fol 90 *et seq* tal-proċess

relazzjoni tagħha ma' missierha kienet aħjar milli kienet fil-passat u li dik kienet ix-xewqa tagħha;

Min-naħa x-xhud tgħid li kienet gwidat lill-imputata biex titkellem mal-Ispettur u mal-Avukat tagħha, anke *ai fini* tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest. Tgħid ukoll li dakinhar stess li kellhom is-sessjoni li semmiet dan kollu kienet ġiet omm l-imputata fid-Dipartiment tal-*Probation*, u nqala' argument verbali bejniethom għaliex l-omm bdiet tallega li l-imputata ħaditilha xi flus li għaddietilha bi żball permezz tal-*online banking*. Meta x-xhud staqsiet lil ommha dwar is-sitwazzjoni preżenti fid-dar, qalet li ma rieditx tagħti informazzjoni iżda meta tfaċċat għat-tieni darba stqarret li huwa minnu l-ġuvni imsemmi kien qiegħed jgħix id-dar magħha. Ommha żiedet tgħid ukoll li l-imputata ma kienitx qed torqod id-dar u li kienet ilha ma tagħmel hekk ġimgħa, u insistiet li hi għandha d-dritt li żżomm magħha lil min tixtieq u li kienet qed tara aktar rispett minn dan il-ġuvni milli minn bintha;

Ix-xhud tispjega li għal darb' oħra tkellmet mal-imputata sabiex tkellem lill-Ispettur Ritienne Gauci u l-Avukat tagħha rigward din is-sitwazzjoni, u min-naħa tagħha l-imputata stqarret max-xhud li eventwalment kienet ser tmur tgħix ma' missierha, u x-xhud għamlet *home visit* fir-residenza li kien jgħix fiha l-missier kif imsemmi f'rapporti preċedenti tal-istess xhud, li fihom kienet semmiet li l-missier jgħix f'garaxx, iżda tgħid li minn dak iż-żmien kien hemm kambjament għaliex jidher li qed tgħix f'post ta' ħuh. Ix-xhud tgħid li għalkemm il-post jidher li huwa temporanju l-missier isostni li huwa dment li jżomm lill-imputata miegħu għaliex ma jarax li l-omm hija ta' ġid għal bintu, minkejja li rat ix-xhud waqt *home visit* il-post kien pjuttost żgħir, pero' min-naħa tal-imputata għandha spazju biżżejjed għaliha biex torqod. Ix-xhud tgħid li hi xorta waħda spejgat lill-imputata l-importanza li żżomm kuntatt mas-*social workers* tal-Appoġġ sabiex jekk ikun hemm diffikulta' dwar residenza peress li kienet il-kwistjoni li kellha bżonn l-aktar attenzjoni minn mindu ħarġet bil-ħelsien mill-arrest, u semmiet ukoll li fir-rigward ta' saħħa mentali, kien hemm appuntamenti li attendiet mal-psikjatra, u ċioe' fit-30 t'Awwissu, u kien skedat appuntament ieħor għall-14 ta' Novembru;

Ix-xhud tispjega li f'dak li jirrigwarda xogħol, jidher li kienet bdiet taħdem fit-2 ta' Settembru ta' tindif iżda ma damitx f'dan ix-xogħol, bl-imputata tispjega lix-xhud li kien hemm ammont ta' drabi li ma setgħetx tattendi għaliex kienet weġġgħet u minn hemm, kien hemm diffikulta' biex iżżomm dan l-impjieg. L-imputata semmiet max-xhud li kienet marret prova oħra ta' xogħol, pero' stqarret li ma kienux reġgħu bagħtu għaliha. Ix-xhud tgħid li f'dan l-istadju kienet iggwidat lill-imputata biex iżżomm kuntatt kemm ma' Lino Spiteri Foundation għaliex kienet saret *referral* min-naħa tal-*JobsPlus*, u dan anke kif miktub fil-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest tagħha, kif ukoll mal-persuna li kienet taħdem magħha min-naħa tal-*Embark for Life*;

Fuq domanda tal-Qorti, x-xhud tispjega li s-sitwazzjoni preżenti tal-imputata hija li sa dakinhar ma kienitx għadha sabet impjieg, iżda fejn tidħol imġiba, tgħid li l-missier ma rrapporta ebda problema t'imġiba min-naħa tagħha, u li sa fejn kienet taf hi, ma kienx hemm inċidenti kemm ilha tgħix mal-missier;

Fuq domanda tal-Qorti x-xhud tgħid li minn dak li tgħidilha l-imputata, l-mediċina qed tittieħed, pero' tistqarr li ma kellha l-ebda mod biex tivverifika din l-informazzjoni, iżda żżid li taf li l-imputata attendiet l-appuntament mal-psikjatra u jidher li kien ser ikun hemm il-*follow-up* meħtieġ;

In kontroeżami, x-xhud f'dan l-istadju tiddikjara li *ai fini* tad-digriet tal-ħelsien mill-arrest l-indirizz tal-imputata kien "34, St Ġorġ, Triq il-Kbira, Qormi", u tikkonferma li l-imputata u missierha kellhom appuntament mal-Ispettur, u li dan kienet ikkonfermatu l-Ispettur stess, u żżid li tkellmet ukoll mal-Avukat tagħha;

Rat illi fis-seduta tat-3 t'April 2025 il-partijiet awtorizzaw lil din il-Qorti sabiex tgħaddi għas-sentenza[21];

Rat din il-kawża kienet differita għal-lum għas-sentenza;

---

[21] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 97 tal-proċess

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat **OMISSIS** kienet mixlija talli nhar l-14 ta' Settembru 2023 għall-ħabta tas-18:30hrs, ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin:

1. Permezz ta' xi *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, heddidt li tagħmel xi reat jew bil-ħsieb li tieħu xi flus jew xi ħaġa oħra jew biex tagħmel xi gwadann, jew bil-ħsieb li ġġiegħel lil **OMISSIS** tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa, jew heddidt li takkuża jew li tagħmel ilment kontra tagħha, jew biex immalafamajt lilha, jew xi persuni oħra jew għamilt użu ieħor mhux xieraq bih;

2. Għamilt inġurji jew theddid mhux imsemmijin band' oħra fil-Kodiċi Kriminali jew, jekk kont ipprovokat , inġurjajt b'mod li ħriġt barra mil-limiti tal-provokazzjoni fil-konfront ta' **OMISSIS**;

Rigward dawn l-imputazzjonijiet, minn ħarsa lejn l-atti u l-provi prodotti, jidher illi t-teżi tal-Prosekuzzjoni tistrieħ fuq dak dikjarat minn PC 1088 J. Bouzguenda fl-*affidavit* tiegħu li, minn eżami tal-istess dokument, ittieħed il-ġurament fuqu nhar is-6 ta' Novembru 2023, iżda l-lok ta' fejn ittieħed l-istess ġurament m'huwiex speċifikat (anzi l-parti tal-lok hija vojta). Dwar dan, l-Artikolu 7 tal-Kap 79 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi s-segwenti:

***7. Kull Kummissjunarju li quddiemu jiġi meħud ġurament jew magħmul affidavit bis-saħħa ta' din l-Ordinanza għandu jiddikjara sewwa fil-jurat jew fl-attestat il-<u>lok</u>[22] u d-<u>data</u>[23] li fihom il-ġurament ikun ġie meħud jew l-affidavit ikun sar:***

Tenut id-dettami ta' dan l-Artikolu, ifisser li hemm bżonn li jkun dikjarat sewwa kemm id-data kif ukoll il-lok ta' fejn ittieħed il-ġurament sabiex *affidavit* ikun wieħed validu u b'valur probatorju. Madankollu kif ingħad aktar 'il fuq, il-parti tal-lok tħalliet vojta, u għalhekk, huwa ċar li l-*affidavit* ta' PC 1088 J. Bouzguenda ma jissodisfax l-elementi

---

[22] Enfasi tal-Qorti
[23] Enfasi tal-Qorti

msemmija fl-Artikolu 7 tal-Kap 79 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk din il-Qorti qiegħda tiddikjara dan l-*affidavit* bħala wieħed monk u mingħajr valur probatorju, u konsegwentement qiegħda tiskarta l-kontenut tiegħu;

*In oltre*, mill-atti jirriżulta li l-*Parte Civile* OMISSIS qatt ma tressqet bħala xhud f'dawn il-proċeduri sabiex tiddeponi dwar il-mertu ta' dawn il-proċeduri, u għalhekk, din il-Qorti tinsab sprovvista mill-prova reġina dwar dan l-akkadut, u dan għaliex kienet hi biss li setgħet tikkonferma dak allegat mill-Prosekuzzjoni peress li kif intqal fil-paragrafu preċedenti, l-*affidavit* ta' PC 1088 J. Bouzguenda huwa wieħed monk, ix-xhieda tal-*Parte Civile* saret l-uniku (u l-aqwa) mod kif il-Prosekuzzjoni setgħet turi n-ness bejn l-imputata u l-imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront tagħha, primarjament għaliex *ai fini* tal-ewwel imputazzjoni il-*Parte Civile* setgħet tikkonferma li l-użu ta' *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika sabiex isir it-theddid u n-natura ta' dan it-theddid *ai fini* tat-tieni imputazzjoni, speċjalment wieħed jikkunsidra li għajr l-*affidavit* ta' PC 1088 (li l-Qorti tfakkar huwa monk), m'hemm ebda prova oħra dokumentarja ta' dan l-akkadut;

Għandu jingħad ukoll li apparti l-fatt li l-*Parte Civile* ma dehret fl-ebda stadju ta' dawn il-proċeduri, mill-atti jirriżulta wkoll li l-istess *Parte Civile* ffirmat dikjarazzjoni[24] li permezz tagħha wriet ix-xewqa tagħha li tirrinunzja għal dak kollu li huwa rinunzjabbli fil-konfront tal-imputata. Fil-kuntest ta' dawn il-proċeduri, din id-dikjarazzjoni tfisser li *ai fini* tat-tieni imputazzjoni, li tirrinkwadra ruħha fid-dettami tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta[25], japplika dak li jistipula l-Artikolu 339(2) tal-istess Kapitolu, u ċioe' s-segwenti:

***339. (2) Fil-każijiet imsemmijin fis-subartikolu (1)(d), (e), (l) u (o), ma tittieħed ebda proċedura jekk mhux bil-kwerela tal-parti.***

Dan għalhekk ifisser li f'dak li jirrigwarda t-tieni imputazzjoni, dawn huma rinunzjabbli.

---

[24] Ara a fol 96 tal-proċess

[25] "339. (1) Huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-persuna, kull min-
(e) jagħmel lil ħaddieħor inġurji jew theddid mhux imsemmijin band' oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk ikun ipprovokat, jinġurja b'mod li joħroġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;"

Pero’, *stante* li l-ewwel imputazzjoni tirrinkwadra ruħha fid-dettami tal-Artikolu 49 tal-Kap 399 tal-Liġijiet ta’ Malta[26] u huma proċedimenti li jittieħdu *ex officio*, ifisser li l-effetti tad-dikjarazzjoni msemmija aktar ‘il fuq m’humiex applikabbli għal din l-imputazzjoni. Madankollu, kif ingħad aktar ‘il fuq u għar-raġunijiet diskussi, *stante* li ma nġibitx prova suffiċjenti sabiex tistabillixxi lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni n-ness bejn l-imputata u din l-imputazzjoni, din il-Qorti tqis li l-ewwel imputazzjoni ma kienitx ipprovata sal-grad rikjest;

**<u>Decide:</u>**

Din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 17(d), l-Artikolu 31(1)(b), l-Artikolu 37(2), u l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, kif ukoll l-Artikolu 49(a), l-Artikolu 49(b) u l-Artikolu 49(ċ) tal-Kap. 399 tal-Liġijiet ta’ Malta, qiegħda **<u>ssib lill-imputata OMISSIS mhux ħatja tal-imputazzjonijiet kif miġjuba fil-konfront tagħha, u tilliberaha minn kull ħtija u piena.</u>**

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond.), LL.D.**

---

[26] “49. Kull min permezz ta’ xi network jew apparat ta’ komunikazzjoni elettronika –

“(a) jhedded li jagħmel xi reat; jew

“(b) bil-ħsieb li jieħu xi flus jew xi ħaġa oħra, jew biex jagħmel xi gwadann, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil ħaddieħor biex jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa, jhedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra, jew biex jimmalafama lil dik il-persuna jew xi persuna oħra; jew

“(ċ) jagħmel użu ieħor mhux xieraq bih,

ikun ħati ta’ reat taħt dan l-Att u jista’, meta jinsab ħati, jeħel multa ta’ mhux iżjed minn ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000) u, fil-każ ta’ reat permanenti, multa oħra ta’ mhux iżjed minn ħames mitt euro (€500) għal kull jum li matulu jkompli r-reat:”